

Sejħa għall-proposti VP/2004/004 għall-proġetti transnazzjonali ta' kooperazzjoni u skambju biex jiġġieldu l-esklużjoni soċjali (skond il-Linja tal-Baġit 04.040202)

Din is-sejħa hija għall-proposti li għandhom l-iskop li jippromwovu l-kooperazzjoni u l-iskambju transnazzjonali u jinkoraġixxu tagħlim reċiproku bejn l-Istati Membri bil-għan li jtejbu l-effettività u l-effiċenza tal-politika/programmi biex jiġġieldu l-faqar u l-esklużjoni soċjali u għalhekk jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-Metodu **Miftuħ** ta' Ko-ordinazzjoni dwar Faqar u Esklużjoni Soċjali u b'mod partikolari l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Nazzjonali ta' Azzjoni dwar l-Inklużjoni Soċjali (NAPs/inkl.).

Ser ikun hemm disponibbli bejn wieħed u ieħor € 4.5 miljun kull sena permezz ta' din is-sejħa u huwa previst illi jkun hemm disponibbli ffinanzjar ta' bejn wieħed u ieħor € 200,000 u € 300,000 kull proġett kull sena. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għal kwalunkwe sħubija mhux ser teċċedi 80% ta' l-ispejjeż totali eleġibbli. L-isħubija għandha tiggarrantixxi l-ko-finanzjar fi flus ta' l-20% li jifdal. Kontribuzzjonijiet *in natura* m'humiex aċċettati. Id-dewmien propost ta' l-azzjonijiet m'għandhux jeċċedi 24 xahar.

Iżjed linji ta' gwida dettaljati, istruzzjonijiet dwar kif tapplika u l-formola ta' applikazzjoni jistgħu jinkisbu bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż, billi tniżżilhom direttament mill-websajt tad-DĠ Impjiegi u Affarijiet Soċjali f':

http://europa.eu.int/comm/employment_social/soc-prot/soc-incl/index_en.htm